**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 10 – 5 ta' Novembru 2015**

***Minuti tal-10 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar il-Hamis, 5 ta' Novembru, 2015 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:00 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 10. Il-laqgha bdiet fis-6:02 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Vernalise Bartolo** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| **Skużat:** | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| **Assenti:** | **Hadd** | |
| **Pubbliku:** | **Robert S. Tabone** | Works Co-Ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

1. **Monument ta' San Guzepp f'Misrah l-Isptar**

Il-Kunsillier Chris Bongailas qal li huwa sar jaf li l-istatwa ta' San Guzepp hargu tlett enforcement notices dwarha. Dawn saru fl-2009, 2011 u 2013. Huwa kompla jghid li l-file dwar din l-istatwa qieghed *for direct action,* li tfisser li fi zmien gimgha din tista titnehha direttament mill-MEPA.

Wara l-ewwel enforcement notice li kien hareg fl-2009, sar tentattiv sabiex tigi rregolarizzata u ghalhekk il-kunsill applika ghas-sanzjoni u l-applikazzjoni giet validata.

Sabiex il-permess jigi validu, kellhom jigu osservati dawn il-kundizzjonijiet:

1. Jitnehhew zewg fanali
2. Tithallas garanzija bankarja ta Eur230
3. Tithallas multa ta' Eur260.89

Dawn it-tlett kundizzjonijiet ma gewx osservati.

Il-Kunsillier Philip Said qal li mill-memorja tieghu dawn l-enforcement notices qatt ma gew ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

Skont il-Kunsillier Bongailas, din l-istatwa qieghda issa ghal *direct action* jigifieri il-MEPA tqabbad kuntrattur u dan inehhi l-illegalitajiet f'isimha. Wara tintbaghat multa u jinhareg kont bl-ispejjez tax-xogholijiet. Dan il-kaz ilu hafna pendent. Minn naha tal-MEPA ghad irid jigu dikuss internament jekk tistax tigi accettata applikazzjoni.

Il-Kunsillier Bongailas qal li l-ahjar haga hi li tidhol applikazzjoni kemm jista jkun malajr. Ghaldaqstant is-Sindku Sarah Agius ipproponiet li tiddahhal sanctioning application jekk inhuwa possibli u li jithallsu l-multi u l-garanzija meta jkun il-waqt. Din il-proposta giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina.

Ittiehed vot.

Dawk favur; is-Sindku Sarah Agius, il-Kunsilliera Vernalise Bartolo, Christopher Bongailas, Clive Azzopardi, Roderick Aquilina, Philip Said, Kevin Glynn u George Cortis.

Dawk kontra; Hadd

Astensjonijiet; Hadd

Il-proposta ghaddiet (46 ).

Il-Kunsillier Bongailas qal li ghandu jigi analizzat min huwa responsabbli ghal dan in-nuqqas. Huwa kompla jghid li l-applikazzjoni ghandha dejjem ghandha tigi sottomessa imbaghad jithalla kollox f'idejn il-Mepa sabiex jaraw jekk jaccettawx l-applikazzjoni jew le.

Is-Sindku Sarah Agius qalet li jekk din l-applikazzjoni ma tigix accettata, il-Kunsill m'ghandu jaghmel xejn u l-MEPA taghmel xogholha hi.

Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera kollha prezenti li il-fanali u l-bozoz li hemm quddiem l-istatwa jitnehhew sabiex ikunu konformi ma kif kienet originarjament talbet il-MEPA.

Il-laqgha spiccat fis-6:35pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |